MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1060/2003

**Klaus Elftmann**
**vs**
**CHI Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi l-attur kien impjegat tas-socjeta' konvenuta bhala '*general manager*' tal-Corinthia El Ksar Hotel, f' Sousse, Tunisija u dan a bazi ta' kuntratt datat 26 ta' Jannar 2001 hawn anness dok A.

Peress illi l-attur fil-fatt ittermina l-impjieg tieghu nhar –il hmistax (15) ta' Lulju 2002 wara li ta tlett xhur '*notice"*, kif jirrizulta mill-ittra li l-attur baghat lic-Chairman tal-Hotel fuq imsemmija datata 16 ta' April 2002, hawn annessa dok. B.

Peress illi l-attur huwa kreditur tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ Lm6,484.39 (sitt elef, erba’ mija erbgha u tmenin lira maltin, u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti kwantu:

(i) Lm5,201.33 (hamest elef mitejn u wiehed liri maltin u tlieta u tletin centezmu, ekwivalenti ghall-US$13,462.60, bilanc tas-salarju, skond klawzoli numru 7 (a) u (b) tal-kuntratt imsemmi, dovuti lilu ghax-xhur ta’ Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002; illi dan l-ammont m’huwiex kontestat mis-socjeta’ konvenuta, tant li dejjem kienet lesta li taghmel il-hlas u dan kif jirrizulta mill-ittra li Dr. Joseph J. Vella, l-avukat tal-CHI Limited, baghat bhala risposta ghall-ittra ta’ Dr. Aaron Mifsud Bonnici datata 20 ta’ Awissu 2002, li dak iz-zmien kien jippatrocinja lill-attur, kopja tal-ittra hawn annessa dok C; izda fil-fatt il-hlas imsemmi qatt ma sar;

(ii) Lm965.88 (disa’ mija, hamsa u sittin lira maltin, u tmienja u tmenin centezmu) ekwivalenti ghall-US$2,500, rapprezentanti *allowance* ta’ kera dovuti lill-attur ghax-xhur ta’ Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002, a bazi ta’ klawzola 10 tal-istess kuntratt.

(iii) Lm82.56 (tnejn u tmenin lira maltin, u sitta u hamsin centezmu maltin) bhala rimbors ghall-kura medika li rceva l-attur waqt l-impjieg tieghu, skond dok E hawn anness, u dan a bazi ta’ klawzola 8 tal-kuntratt relattiv li tipprovdi ghall-assikurazzjoni medika tal-attur u l-familja tieghu taht il- “BUPA London Scheme’’; illi dan l-ammont m’huwiex ikkontestat mis-socjeta’ konvenuta kif jirrizulta mill-ittra datata 20 ta’ Awissu 2002 ta’ Dr. Joseph J Vella fuq imsemmija.

(iv) Lm234.62 (mitejn erbgha u tletin lira Maltin, u tnejn u sittin centezmu) ekwivalenti ghall-TD790 rapprezentanti l-prezz ta’ zewg biljetti tal-ajru mit-Tunisia ghall-Frankfurt tieghu u tal-mara tieghu Carola Elftmann, kif jirrizulta minn dok D hawn anness, u dan a bazi ta’ klawzoli 12 tal-kuntratt relattiv;

Peress illi n-nuqqas ta’ hlas ta’ ammonti hawn fuq imsemmija lill-attur da parte tas-socjeta’ konvenuta jikkostitwixxu ksur lampanti tal-obbligi kontrattwali assunti mill-istess socjeta’ fil-kuntratt iffirmat mill-partijiet fis-26 ta’ Jannar 2001 u kif fuq spjegat.

Peress illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta hija debittrici versu l-attur fis-somma ta’ Lm6,484.39 (sitt elef, erba’ mija erbgha u tmenin lira maltin, u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti kwantu: Lm5,201.33 (hamest elef, mitejn u wiehed liri maltin, u tlieta u tletin centezmu, ekwivalenti ghall-US$13,462.60, bilanc ghas-salarju, skond klawzoli numru 7(a) u (b) tal-kuntratt imsemmi, dovuti lilu ghax-xhur ta’ Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002; Lm965.88 (disgha mija, hamsa u sittin lira maltin, u tmienja u tmenin centezmu) ekwivalenti ghall-US$2,500, rapprezentanti *allowance* ta’ kera dovuti lill-attur ghax-xhur ta’ Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002; Lm82.56 (tnejn u tmenin lira maltin, u sitta u hamsin centezmu maltin) bhala rimbors ghall-kura medika li rceva l-attur waqt l-impjieg tieghu; Lm234.62 (mitejn erbgha u tletin lira Maltin, u tnejn u sittin centezmu) ekwivalenti ghall-TD 790 rapprezentanti l-prezz ta’ zewg biljetti tal-ajru mit-Tunisia ghall-Frankfurt tieghu u tal-mara tieghu Carola Elftmann, u dan a bazi a klawzoli 12 tal-kuntratt relattiv.
2. Tordna s-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur noe is-somma ta’ Lm6,484.39 (sitt elef, erba’ mija, erbgha u tmenin lira maltin, u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti l-ammonti hawn fuq imsemmija bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji u tal-ittra ufficjali.

U bl-interessi bit-tmienja fil-mija minn meta l-ammonti fuq imsemmija gew dovuti skond il-kuntatt fuq imsemmi sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Is-socjeta’ konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 20 tal-process fejn eccepiet:
Illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li l-eccipjenti m'ghandha taghti xejn lill-attur.
Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, hija l-eccipjenti li ghandha tiehu ammonti ta' flus minghand l-attur, u ghalhekk semmai fic-cirkostanzi huwa l-attur li hu debitur tas-socjeta' konvenuta.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jitlob is-somma ta' Lm6,484.39 rapprezentanti:

1. **Lm5,201.33** (ekwivalenti ghall-US$13,462.60) bilanc ghas-salarju, dovut ghax-xhur ta' Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002;
2. **Lm965.88** (kwivalenti ghall-US$2,500) rapprezentanti *allowance* ta' kera dovuti lill-attur ghax-xhur ta' Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002;
3. **Lm82.56** bhala rimbors ghall-kura medika li rceva l-attur waqt l-impjieg tieghu;
4. **Lm234.62** (ekwivalenti ghall-TD 790) rapprezentanti l-prezz ta' zewg biljetti tal-ajru a bazi a klawzoli 12 tal-kuntratt relattiv.

Il-konvenuti wiegbu li l-ammont li ghandu jiehu l-attur zgur ma jaqbiz l-ammont ta' Lm4,588.14 depozitat bic-cedola ta' depozitu tal-10 ta' Mejju 2005 (para 28 nota ta' sottomissjonijiet). Is-socjeta' konvenuta qatt ma kkontestat l-ammont dovut bhala rimbors mill BUPA u lanqas is-salarju dovut sa l-ahhar ta' Lulju 2002 u l-hlas tal-kera sal 15 ta' Mejju 2002 (ara para 13 u 14 tan nota ta' sottomissjonijiet).

L-attur m'accettax il-hlas offrut ghax ippretenda li l-ammont dovut lilu kien akbar minn dak depozitat u ma kienx qed jaccetta t-tnaqqis li ghamlet is-socjeta' konvenuta.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

B'kuntratt datat 26 ta' Jannar 2001 l-attur inhatar General Manager tal-Corinthia El Ksar Hotel f'Sousse gewwa t-Tunisija. Beda jahdem fil-15 ta' April 2001. Xi sena wara ddecieda li jittermina l-kuntratt u fis-16 ta' April 2002 kien ta' *notice* li se jieqaf mix-xoghol fil- 15 ta' Lulju 2002. Wara hu gie infurmat mill-konvenuti li hu kellu jibqa' jahdem sal-15 ta' Mejju 2002 ghalkemm it-terminazzjoni tal-kuntratt kellha effettivament tkun fil- 15 ta' Lujlu 2002.

Kwantu ghall ammont ta' Lm82.56 bhala rimbors ghall-**kura medika** li rceva l-attur waqt l-impjieg tieghu s-socjeta' konvenuta mhux qed tikkontesta li dawn huma dovuti.

Rigward **salarju** l-attur qed jitlob US $6,000 fix-xahar ghax-xhur Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002 li jammonta ghall US$15,000 li minnhom 70% kienu jigu trasferiti minn Malta ghall kont tieghu l-Germanja u 30% jithallsu fit-Tunisia f'Tunisian Dinars. Hu rcieva 2000 Tunisian Dinars f'Mejju 2002 u dawn iridu jitnaqqsu mill US$15,000. Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw li l-attur ghandu jiehu s-salarju ghall perjodu imsemmi.

L-attur qed jitlob ukoll is-somma ta' Lm965.88 (kwivalenti ghall-US$2,500) rapprezentanti allowance ta' kera dovuti lilu ghax-xhur ta' Mejju, Gunju u nofs Lulju 2002. Hu jghid li baqa jahdem sa Mejju 2002 u mbaghad telaq il-Germanja ifittex xoghol gdid. Meta kien il-Germanja hu kien ihallas il-kera hemmhekk. Hu qed jippretendi l-*allowance* tal-kera fil-Tunisija sat terminazzjoni tal-kuntratt fil-15 ta' Lulju 2002.

Il-konvenuti jirritjenu li dan l-allowance mhux dovut billi l-kera kien dovut biss matul iz-zmien li l-attur kien jokkupa l-kariga tieghu mas-socjeta' konvenuta u ghall akkomodazzjoni f'Tunisia biss. Huma kienu hallsu kera sat-30 ta' April 2002 u lesti li jestendu dan il-pagament sal-15 ta' Mejju 2002 bhala l-ahhar gurnata li l-attur hadem maghhom. Wara dina d-data l-attur ma baqax fizikament Tunes.

Skond il-kuntratt a fol 6 para 10:

*The Executive will be provided with a rent allowance of one thousand US Dollars per month or an amount which represents reasonable cost of renting suitable accommodation <u>in Tunisia…</u>..*

Jirrizulta mill-provi li l-attur kien mar lura l-Germanja f'Mejju 2002 u ma baqax jirrisjedi t-Tunisija sat-terminazzjoni tal-kuntratt f'Lulju. Skond il-kuntratt l-*allowance* tal-kera hija dovuta ghall-akkomodazzjoni fit-Tunisija u mhux imkien iehor. L-attur ma ressaq ebda prova li wara Mejju 2002 sar xi pagament ghal kera fit-Tunisia.

Ghalhekk billi din l-*allowance* kienet intiza biss ghall-akkomodazzjoni ta' l-attur waqt li kien qieghed jahdem mal-konvenuti fit-Tunisia, l-ammont li qed jitlob mhux dovut, hlief ghal dak l-ammont li l-konvenuti lesti li jhallsu bhala kera sal- 15 ta' Mejju 2002 cjoe l-ahhar gurnata li l-attur hadem maghhom.

L-attur talab ukoll Lm234.62 (ekwivalenti ghall-TD 790) rapprezentanti l**-prezz ta' zewg biljetti tal-ajru** a bazi a klawzola 12 tal-kuntratt relattiv ghal vjagg bejn is-7 ta' Jannar 2002 u 8 ta' Frar 2002.

Paul Bugeja, prodott mill konvenuti, jghid li l-attur kien intitolat ghall biljett ta' l-ajru ghalih u ghal familja tieghu darba fis-sena skond klawzola 6 tal-kuntratt. Persuna impjegata trid taghmel sena fl-impieg sabiex tkun intitolata ghal dan il-biljett. Dan il-biljett hu dovut fil-perjodu ta' dawk

it-tnax il-xahar. L-attur beda jahdem maghhom f'April 2001 u kien ghamel uzu minn dak il-beneficcju ghal dik is-sena partikolari meta mar Frankfurt mill 31 ta' Ottubru sas-7 ta' Novembru 2001. L-*approval* li hemm fil-memo 15/51 giet mahruga abbuzivament biex l-attur jipprova juri li kien gab l-approvazzjoni ghall *entitlement* tieghu minghand ufficjal tal-kumpanija (ara Dok a fol 53). L-attur ma kienx jaf li kellu jikkoordina l-*flight* tieghu biex jigi Malta meta kien il-Germanija hlief meta gie nfurmat minn Malta. Cahad li l-vjagg kien rikonoxximent ghax xoghol li l-attur kien ghamel in konnessjoni mal-ftuh tal-lukanda got-Tunisia ghax huma kienu tawh *bonus*. Il-*flight* ta' Novembru kienet l-*entitlement* tieghu.

David Woodward, Chief Operating Officer, prodott mis-socjeta' konvenuta, xehed li hu kien approva biss il-*leave* tal-vjagg ta' l-attur ta' Jannar/Frar u l-attur ma kienx staqsih biex dak il-perjodu jkun l-*entitlement* tieghu ghal vjagg skond il-kuntratt ghal dik is-sena. Hu cahad li hu kien offra dak il-vjagg bhala rigal lill-attur ghal ftuh b'success tal-lukanda, ghal dan, l-attur kien inghata **bonus**.

Dwar dak li xehed l-attur li hu kellu jabbina l-vjagg mal-attendenza tieghu fil-konferenza f'Malta, Woodward ghid li ghalkemm l-attur suppost kien fil-lista tal-partecipanti ghall-konferenza ma attendiex ghax hu kien tah il-*leave*. Pero' fil-konferenza kienet inghalet il-htiega li jkelmuh fuq il-lukanda fit-Tunisija u hu kien cempillu fuq il-*mobile* u kien qallu biex jghaddi Malta hu u sejjer lura Tunes biex jiddiskuti l-qaghda finanzjarja tal-Lukanda. L-attur kien gie fl-ahhar tal-konferenza.

Illi skond il-kuntratt fuq riferit:

*The Company will provide the Executive and his family with one return air ticket, economy class, per annum from country of assignment to any European destination. Clause 11.*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-attur kien gie impjegat f'April 2001 u f'dik is-sena partikolari kien mar Frankfurt bejn 31

ta’ Ottubru sas 7 ta’ Novembru 2001 ghalhekk il-konvenuti isostnu li l-attur kien ha l-*entitlement* tieghu ghal dik is-sena u ghalhekk il-vjagg l-iehor bejn Jannar/Frar ghandu jithallas mill-attur. L-attur jghid li hu kien inghata l-vjagg rigal bhala rikonoxximent tal-ftuh b’success tal-lukanda izda dan huwa michud mill konvenuti billi l-attur kien inghata *bonus* u xehdu f’dan is-sens Paul Bugeja u David Woodward. Il-Qorti hi tal-fehma fl-istat li l-provi kif inhuma, l-attur ma rnexxilux jipprova dak li qed jallega – liema prova trid issir mill-attur – anzi jidher li hemm konflitt bejn dak li qed jghid l-attur u dak li jsostnu l-konvenuti dwar jekk l-attur kienx inghata l-vjagg bhala rigal.

Fil-gurisprudenza taghna “l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet”. (“Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino”, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; “Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace”, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986).

Ghalhekk it-talba ta’ l-attur ghal dana l-ammont ma tistax tintlaqa.

Dwar is-sottomissjoni tas-socjeta’ konvenuta li jitnaqqsu xi ammonti bhala *charges* ghal *complimentaries*, il-Qorti tiddeciedi li dana ma jistax isir ghax qatt ma saret xi talba gudizzjarja ghalihom, u lanqas ma giet prezentata xi kontro-talba.

Il-Qorti tikkonkludi li mill-erba’ items mitluba mill-attur, hu ghandu jithallas tas-salarju, tal-*medical reimbursement* u tal-kera biss kif fuq spjegat.

Jirrizulta li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-pagamenti jsiru f’ *foreign currency*, f’dollari amerikani. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li l-ammonti ghandhom jithallsu lill attur f’dollari amerikani, bl-ekwivalent taghhom f’Liri maltin,

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba ta' l-attur fis-sens li gej;
Billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh
Is-somma ta' hamest elef mitejn u wiehed liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm5,201.33) ekwivalenti ghall tlettax il-elf erba' mija tnejn u sittin dollari amerikani u sittin centezmi (US$13,462.60) skond kif mitluba fic-citazzjoni;
Is-somma ta' Lm82.56 rimbors ghal-kura medika;
Tichad it-talba ghal *allowance* tal-kera hlief ghad-differenza tal-kera minn l-ahhar ta' April 2002 sal- 15 ta' Mejju 2002;
Tichad it-talba ghar-rifusjoni tal-prezz taz-zewg biljetti ta' l-ajru.
Bl-ispejjez kwantu ghall kwart ghall attur u tlett kwarti ghall konvenuti.
Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------